

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

KUMMISSJONI

Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja — Addendum għas-sejħa għall-proposti 2009 — DĠ EAC/31/08

(2009/C 35/08)

1. Għanijiet u deskrizzjoni

Dan l-addendum għas-sejħa għall-proposti għall-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja 2009 (EAC/31/08 ippublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 255, 8.10.2008, p. 6) jagħmilha possibbli għar-Repubblika tal-Kroazja u għall-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja li jipparteċipaw fil-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja.

L-addendum huwa bbażat fuq l-istrumenti legali li ġejjin:

- id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja li kienet ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-15 ta' Novembru 2006;
- il-Ftehim dwar l-Iffinanzjar tas-17 ta' Novembru 2008 bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fir-rigward tal-Programm Nazzjonali għall-Kroazja taħt l-IPA — Il-Komponent ta' Assistenza ta' Tranżizzjoni u ta' Bini ta' Istituzzjonijiet għall-2007 li jipprovdi għall-iffinanzjar Komunitarju, bħala parti mill-Programm Nazzjonali, tal-proġett HR2007/4/3: "Miżuri ta' tħejjija għall-parteċipazzjoni fil-programmi marbuta mat-Tagħlim Tul il-Ħajja u ż-Żgħażaġħ fl-Azzjoni";
kif ukoll,
- il-Ftehim dwar l-Iffinanzjar bejn il-Gvern tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmat permezz tal-iskambju tal-ittri fid-29 ta' April u fit-13 ta' Mejju 2008, fir-rigward tal-Programm Nazzjonali (it-tieni parti) għall-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja skont l-IPA-Il-Komponent ta' Assistenza ta' Tranżizzjoni u ta' Bini ta' Istituzzjonijiet għall-2007 li jipprovdi għall-iffinanzjar Komunitarju, bħala parti mill-Programm Nazzjonali, tal-proġett 4.2 "Miżuri ta' tħejjija għall-programmi marbuta mat-Tagħlim Tul il-Ħajja u ż-Żgħażaġħ fl-Azzjoni".

2. Applikanti eliġibbli

Il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja japplika għat-tipi u l-livelli kollha ta' edukazzjoni u taħriġ u huwa miftuħ għall-entitajiet kollha elenkati fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni.

Dan l-addendum hu ddedikat esklużivament għall-istipular tal-kundizzjonijiet applikabbli għal applikanti fir-Repubblika tal-Kroazja u fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Il-kundizzjonijiet huma mniżżla hawn taħt.

3. Ir-Repubblika tal-Kroazja**3.1. Baġit u Tul tal-proġetti**

Il-baġit totali ppjanat għar-Repubblika tal-Kroazja hu stmat fl-ammont ta' EUR 643 115. Il-livell ta' għotjiet mogħtija kif ukoll it-tul tal-proġetti jvarjaw skont fatturi bħalma huma t-tip ta' proġett u l-għadd ta' pajjiżi involuti.

3.2. *Dati ta' skadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet min-naħa tar-Repubblika taċ-Ċina*

Karta Universitarja tal-Erasmus	fis-16 ta' Marzu 2009
Comenius, Grundtvig: Taħriġ fuq il-post tax-xogħol	
— L-1 ^{el} skadenza:	fit-30 ta' April 2009
— It-2 ⁿⁱ skadenza:	fil-15 ta' Settembru 2009
Leonardo da Vinci: Mobbiltà	fis-16 ta' Marzu 2009
Erasmus: Il-Mobbiltà tal-istudenti għall-istudji u Il-Mobbiltà tal-persunal : (impenji ta' tagħlim u taħriġ tal-persunal)	fit-30 ta' Marzu 2009
Programm Trasversali: Attività prinċipali Nru 1 — Żjarat ta' studju	fid-9 ta' April 2009
Żjarat ta' thejġija	Id-data ta' skadenza mfassla mill-Aġenzija Nazzjonali

NOTA: Taħt is-Sejħa attwali, il-mobbiltà minn pajjiżi oħra li qed jieħdu sehem fil-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja fir-Repubblika tal-Kroazja ma tistax tkun iffinanzjata mill-fondi tal-programm.

4. **L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja**

4.1. *Baġit u Tul tal-proġetti*

Il-baġit totali ppjanat għall-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja huwa stmat fl-ammont ta' EUR 650 000. Il-livell ta' għotjiet mogħtija kif ukoll it-tul tal-proġetti jvarjaw skont fatturi bħalma huma t-tip ta' proġett u l-għadd ta' pajjiżi involuti.

4.2. *Id-dati ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet min-naħa tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.*

Karta Universitarja tal-Erasmus	fis-16 ta' Marzu 2009
Comenius, Grundtvig: Taħriġ fuq il-post tax-xogħol	
— L-1 ^{el} skadenza:	fit-30 ta' April 2009
— It-2 ⁿⁱ skadenza:	fil-15 ta' Settembru 2009
Erasmus: Il-Mobbiltà tal-istudenti għall-istudji u Il-Mobbiltà tal-persunal : (impenji ta' tagħlim u taħriġ tal-persunal)	fit-30 ta' Marzu 2009
Programm Trasversali: Attività prinċipali Nru 1 — Żjarat ta' studju	fid-9 ta' April 2009
Żjarat ta' thejġija	Id-data ta' skadenza mfassla mill-Aġenzija Nazzjonali

NOTA: Taħt is-Sejħa attwali, il-mobbiltà minn pajjiżi oħra li qed jieħdu sehem fil-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ma tistax tkun iffinanzjata mill-fondi tal-programm.

5. **Id-dettalji kollha**

Għal dawn l-azzjonijiet, kif inhuma inklużi fil-programm nazzjonali ta' ħidma, għandha ssir referenza għat-test sħiħ tas-“Sejħa Ġenerali għall-Proposti tal-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja 2008-2010: aġġornament 2009 — Prijoritjiet Strateġiċi”, flimkien mal-“Gwida tal-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja”, li jinsabu fuq dan l-indirizz tal-Internet: <http://ec.europa.eu/llp>

L-applikazzjonijiet iridu jkunu konformi mat-termini kollha tat-test sħiħ tas-sejħa u jridu jintbagħtu fil-formoli pprovduti.